MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Numru 1052/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia
Spettur Chris Pullicino)

vs

Salvatore Grech
Christopher Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Salvatore Grech u Christopher Grech detenturi ta’ karta ta’ identita’ numru 170563(M) u 558682(M) rispettivament, akkuzati:

1. kontra Salvatore Grech wahdu:
i. talli nhar id-19 ta’ Novembru 2002, f’xi hin matul il-gurnata, go Birzebbugia, ikkommetta serq ta’ container

bin-numru serjali AWSU1961748 kontenenti diversi kaxxi b'xorb alkoholiku u oggetti ohra relatati, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-kumpanija Paolo Bonnici Limited;

lil Salvatore Grech u Christopher Grech flimkien talli:

2. nhar il-21 ta' Dicembru 2002 u fil-gimghat ta' qabel din id-data xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' kwantita ta' flixken tal-whisky, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

lil Salvatore Grech wahdu talli:

f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 ta' Dicembru, 2002 u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab id-Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti, u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10/11/02 f'container bin-numru AWSU1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-ufficjal, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma kienx jista' jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm22074.00,0; Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0 u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' Lm79.00; Dazju Xejn. Il-merkanzija hija soggetta wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Fil-21 ta' Dicembru, 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond 'Raymond Garage' Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-

pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqughha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773; Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0. Ix-xorb alkoholiku huwa soggett ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Fl-istess data u cirkostanzi fil-*garage* fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08,0 rispettivament., liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a)(c)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(j)(n) u 17(a)(b) ta' l-Att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-21 ta' Dicembru, 2002 u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittanta li jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuta, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10/11/02 f'*container* bin-numru AWSU1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-ufficjal,

b’mod li l-ufficjal inkarigat ma kienx jista’ jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm22074.00,0; Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0 u l-valur tal-materjal ta’ reklamar kien ta’ Lm79.00; Dazju Xejn. Dawn l-oggetti ghandhom valur totali ta’ Lm44,024,56, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm6603.68, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Fil-21 ta’ Dicembru, 2002, wara intervent u tfixxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond ‘Raymond Garage’ Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe’ l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta’ Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773; Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0, valur totali ta’ Lm22283.06, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm3342.46, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Fl-istess data u cirkostanzi fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta’ Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08,0 rispettivament, valur totali ta’ Lm1238.08, li

fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm185.71, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Lil Christopher Grech wahdu:

F’isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 ta’ Dicembru, 2002 u/jew f’xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab id-Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti, u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b’xi mod x’jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-freeport, merkanzija li giet importata f’Malta fl-10/11/02 f’container bin-numru AWSU1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta’ reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita’ jew taht is-sorveljanza ta’ dan l-ufficjal, b’mod li l-ufficjal inkarigat ma kienx jista jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm22074.00,0; Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0 u l-valur tal-materjal ta’ reklamar kien ta’ Lm79.00; Dazju Xejn. Il-merkanzija hija soggetta ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Fil-21 ta’ Dicembru, 2002, wara intervent u tfixxija li saret mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond ‘Raymond Garage’ Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe’ l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta’ Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773; Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0. Ix-xorb alkoholiku huwa soggett ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema

Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Fl-istess data u cirkostanza fil-*garage* fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqughha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08,0 rispettivament, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a)(c)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(j)(n) u 17(a)(b) ta' l-Att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-21 ta' Dicembru, 2002 u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuta, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10/11/02 f'*container* bin-numru AWSU1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-ufficjal, b'mod li l-ufficjal inkarigat ma kienx seta jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm22074.00,0; Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0 u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' Lm79.00; Dazju Xejn. Dawn l-oggetti ghandhom valur totali ta' Lm44,024,56, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm6603.68, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Fil-21 ta’ Dicembru, 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond ‘Raymond Garage’ Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqughha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe’ l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta’ Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773, Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0, valur totali ta’ Lm22283.06, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm3342.46, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Fl-istess data u cirkotanza fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta’ Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08,0 rispettivament, valur totali ta’ Lm1238.08, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm185.71, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406).

Semghet ix-xhieda;

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali ai termini tal-liema baghat lura l-atti tal-kumpilazjoni lil din il-Qorti biex tiggudika fuq il-htija jew nuqqas taghha tal-imputati;

Semghet lill-imputati jghidu li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Awissu 2007;

Rat il-verbal tal-istess jum li fih id-difiza iddikjarat li ma kellhiex xhieda ohra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ir-reati li bihom l-imputati jinsabu akkuzati ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huma komuni ghaz-zewg imputati fir-rigward dawk prospettati taht l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37), taht l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap 382), u taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Hemm in komuni bejniethom wkoll r-reat ta’ ricettazzjoni a bazi tal-Artikolu 334 tal-Kap 9. Fil-konfront tal-imputat Salvatore Grech l-Avukat Generali ipprospetta kontra tieghu wahdu wkoll r-reat ta’ serq.

F’din l-ewwel parti tas-sentenza l-Qorti ser tissofferma fuq ir-reat tas-serq mhux qabel pero’ li tippuntwalizza li safejn jirrigwarda l-imputat Salvatore Grech huwa principju accettat li bejn iz-zewg reati ta’ serq u ricettazzjoni, bl-liema reat huwa wkoll akkuzat, jew ireggi wiehed jew jreggi l-iehor izda ma jreggux it-tnejn flimkien stante illi z-zewg reati huma ad eskluzjoni ta’ xulxin. L-imputat l-iehor Christopher Grech, diversament, huwa akkuzat unikament bir-reat ta’ ricettazzjoni u ghalhekk, fil-kuntest taz-zewg reati, dak li japplika fil-konfront tal-imputat Salvatore Grech ma japplikax ghalih.

Issa ghal dak li jikkoncerna s-serq, il-prosekuzzjoni allegat li dan ir-reat gie kommess mill-imputat Salvatore Grech

mill-Port Hieles u kien jikkonsisti f‘‘container’ kontenenti xorb alkoholiku destinat ghall-kumpanija Paolo Bonnici Limited. Skond il-prosekuzzjoni dan il-‘container’ ittiehed mill-imputat Salvatore Grech, li jahdem ta’ burdnar u hu mithla tal-Port, f’xi gurnata fil jew wara d-19 ta’ Dicembru, 2002 meta trasportah mill-post fejn kien qieghed stakkjat. Huwa fatt li johrog mill-provi li meta allegatament ittiehed il-‘container’ in kwistjoni dan kellhu stakkjat fuqu ‘container’ iehor u kien ghalhekk mehtieg l-intervent ta’ operatur tal-crane li izda minn imkien fl-atti ma rrizulta minn kien. Dak li invece jirrisulta hu li dan il-‘container’ litteralment osfor mill-Port Hieles minghajr ebda tracca tieghu fis-sens li la nstab gewwa l-Port Hieles u lanqas irrizulta li f’xi hin inhareg mill-Port Hieles. Lanqas ma rrizulta li gie trasportat u mholli fl-arja gewwa l-Port Hieles maghrufa bhala l-‘overnight stay’. Li hemm registrat u li jirrizulta bhala fatt hu li dan il-‘container’ kien depositat fil-Port Hieles sa mill-gurnata meta inhatt u zgur sa’ xi hin filghodu kmieni tad-19 ta’ Dicembru 2002 meta gie nnotat li kien bla sigill. Instab nieqes circa siegha wara u osghor minghajr ebda tracca u minghajr ebda annotament li nhareg il-barra mill-Port. L-imputat gie implikat fis-serq tieghu fuq xhieda ta’ ufficjal tas-sigurta’ li qal li ra l-imputat isuq fid-direzzjoni fejn kien stakjat dan il-‘container’ u ftit wara rega’ lemhu isuq it-‘truck’ issa mghobbi b’container ta’ kulur ahdar li nzerta l-kulur ta’ dak il-‘container’ li l-Prosekuzzjoni tghid li gie misruq. Mill-provi pero’ lanqas dan il-fatt tas-serq m’hu cert. Il-prosekuzzjoni ibbazat il-prova fuq xhud wiehed li jghid biss li ra ‘container’ kumbinazzjoni ta’ kulur ahdar mghobbi fuq il-‘mechanical horse’ tal-imputat.

Bir-rispett kollu fuq din ix-xhieda biss din il-Qorti assolutament ma tista’ tassocja s-serq, jekk kien jittratta minn tali, mal-imputat. Lanqas tista tistqarr b’certezza li l-‘container’ verament insteraq. Li hu zgur hu li l-‘container’ kien fil-posizzjoni li rah is-security; li hemmhekk kellhu s-sigilli nieqsa; izda li wara ma nstabx fil-Port. Anzi fil-konfront tal-imputat jirrizulta indubitat li kemm dak in-nhar u kemm l-ghada kien hareg zewg ‘containers’ li hu eskluz b’mod assolut li xi wiehed minnhom kien il-‘container’ meritu din il-kawza. Fi kliem iehor ghandu jirrizulta car li

m’hemm kwazi xejn provi li jikkolegaw l-imputat mal-allegat ‘serq’ u di piu’ jekk wiehed irid jkun puntiljuz lanqas m’hemm il-prova tas-serq. Li jirrizulta hu biss li l-‘container’ in kwistjoni ma nstabx. Naturalment u sa dan l-istadju dan qed jinghad fil-konfront tal-akkuza tas-serq minghajr ebda riflessjoni fuq l-akkuzi l-ohra.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuza tar-ricettazzjoni, komuni ghaz-zewg imputati, ser tigi trattata flimkien mal-akkuzi l-ohra billi l-provi fir-rigward huma komuni, anzi l-akkuzi taht il-ligijiet citati aktar ‘il fuq, apparti dawk citati taht il-Kap 9, jistriehu u huma ghal kollox dipendenti fuq il-provi jew in-nuqqas taghhom li jikkoncernaw issa r-ricettazzjoni. Dan hu hekk billi jekk ma jissusistix pruvat il-pussess tax-xorb alkoliku fl-imputati ghajr jista’ jissusisti xi reat iehor taht dawk il-ligijiet l-ohra. Intant, mill-provi jemergi illi fis-26 ta’ Novembru, 2002 giet irrappurtata lill-Pulizija s-serqa tal-‘container’ mill-arja tal-Port Hieles u li sussegwentement instabet f’‘garage’ il-Mosta nofs il-kwantita’ tal-merkanzija li kienet fil-‘container’. Bhala fatt jirrisulta li l-‘garage’ ma kienx ta’ ebda wiehed miz-zewg imputati anzi jirrizulta li tficcijiet li saru f’proprjetajiet taghhom kienu taw ezistu negattiv.

Illi l-fattur determinanti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, sabiex treggi l-akkuza tar-ricettazzjoni hija l-prova li l-imputati kienu f’xi zmien wara l-allegata serqa fil-pussess tal-merkanzija mhux sdoganata fl-liema kaz il-piena hija dik prevista fl-Artikolu 334(b) tal-Kap 9. Kien ukoll mehtieg li jirrizulta li dik il-merkanzija allegatament misruqa mill-Port Hieles kienet l-istess merkanzija li nstabet fil-garaxx il-Mosta u li fuqha ma kienitx thallset dwana kif tghid l-akkuza. Fi kliem iehor kellhu jigi stabbilit kollegament bejn iz-zewg merkanziji. Issa malgrad li inkjesta magisterjali ma saritx, mill-atti ghandu jirrizulta sodisfacjentement mid-dokumenti esebiti, senjatament dak tal-merkanzija elevata mill-garaxx u d-dokumenti tal-karigu, precisament minn

numru tal-kodici rispettiv, li l-merkanzija elevata kienet parti mill-merkanzija li gia' kienet fil-'container' u li hu ndubitat kien precedentement inhatt il-Port Hieles.

Illi kwindi l-akkuzi kollha, hlief dik tas-serq, ghandhom jirrizultaw f'dan il-kaz, kif, fil-fatt, u fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrizultaw.

Illi in kwantu ghall-piena l-Artikolu 17 fis-sub-inciz (f) tieghu (Kap 9) jipprovdi illi "persuna misjuba hatja minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji, tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla jew tal-oghla multa jew ammenda skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra".

Illi fil-kaz in meritu minn imkien ma jirrizulta li l-merkanzija in kwistjoni, ossija dik li nstabet fil-garage, u li dwarha hemm provi sufficjenti li jikkollegaw l-imputati mat-trasport taghha ghal dan il-'garage', kienet passibbli ghal xi dazju jekk mhux dazju tas-sisa u l-korrispondenti taxxa tal-valur mizjud.

Illi japplikaw ghalhekk f'dan il-kaz il-piena pekunjarja skond l-Artikolu 16(1) tal-Kap 382 li jinkorpora l-piena prevista bl-Artikolu 334(b) tal-Kap 9, ukoll l-piena pekunjarja ghall-evazjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud flimkien mal-piena ta' prigunerija li tapplika wkoll skond l-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37.

Illi f'kull kaz l-imputati ghandhom jibbenefikaw mill-piena l-aktar favorevoli ghalihom.

Ghaldaqstant, fil-waqt li ma ssibx l-imputat Salvatore Grech hati tal-akkuza ta' serq, issib pero' z-zewg imputati hatja talli:

1. fil-21 ta' Dicembru, 2002 u fil-gimghat ta' qabel din id-data xjentement b'kull mod li jkun laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' kwantita' ta' flixken tal-whiskey, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
2. fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tficcija li saru mill-Ufficjali tal-Pulizija fil-fond "Raymond Garage" Triq il-Barjol, Mosta, instab li kellhom b'xi mod x'jaqsmu, fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' parti mill-konsenja li ghaliha taghmel referenza l-att ta' akkuza u cioe' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (17) fil-lista annessa man-nota ta' qbid 2/2003 esebita fl-atti li fuqhom ma thallas id-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-valur mizjud;

Rat l-Artikoli 334 u 17 tal-Kap 9, l-Artikoli 60(a)(c)(e)(k); 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) proviso Artikolu 62 tal-Kap 62, l-Artikolu 16(j)(n) u 17(a)(b) Kap 382 u l-Artikolu 80 Kap 406 u tikkundanna kull wiehed mill-imputati multa komplessiva ta' sitt telef maltin (Lm6000) li minnhom terz ghandu jitqies bhala dejn civili oltre perjodu ta' prigunerija ta' sitt xhur li izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 ser jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum sakemm l-imputati ma jghamlux reat iehor fl-istess perjodu operattiv.

Tirriserva li tipprovdi dwar il-konfiska tal-oggetti li gew formalment esebiti wara rikors opportun, jekk ikun il-kaz.

Il-Qorti qeghdha tispjega lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------